MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Numru 776/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs.**

**ALEXANDER AZZOPARDI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Alexander Azzopardi ta’ 43 sena bin Emmanuel u Emma nee’ Mifsud imwieled Floriana fit-3 ta’ Ottubru 1964 u joqghod 185 Triq il-Kbira Balzan, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 555264(M).

Billi huwa akkuzat talli bejn Lulju 2005 u Gunju 2006 f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, approprija ruhu, billi

dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ ma hallasx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta’ €13,693.65 (Lm5888.27), ai termini ta’ l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat il-Letter to Prosecute tal-Kummissarju tal-VAT esebita bhala Dok PSV1.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 31, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Alexander Azzopardi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Alexander Azzopardi ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Alexander Azzopardi jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qieghda tobbliga lill-imputat Alexander Azzopardi li jhallas lid-Dipartiment tal-VAT fi zmien sitt (6) xhur millum is-somma ta’ tlettax –il elf, sitt mija u tlieta u disghin Euro u hamsa u sittin centezmi ta’ Euro (Euro 13,693.65) ekwivalenti ghall-hames t’elef, tmien mija u tmienja u tmenin Liri Maltin u seba’ u ghoxrin centezmi (Lm5888.27) bhala s-somma dovuta lid-Dipartiment tal-VAT mill-imputat rigward dan il-kaz.

Inoltre il-Qorti qed taghti lill-imputat Alexander Azzopardi l-ispjegazzjonijiet preskritti fis-sub-artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------